MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 436/2006/1

**L-Ghaqda Assocjazzjoni tal-Hwienet ta’ Wied il-Ghajn u GRTU: Malta Chamber of Small and Medium Enterprises, Joseph Gellel u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Swan Lake Restaurant, Tony Grixti u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Tony’s Wine and Spirit, Stefan Barbara u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Il-Piu Dolce, Frank Buhagiar u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Maksims Pastizzerija, Jonathan Micallef u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Sparkle Image, Michael D’Amato u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Oasis Ironmongery, Vince Zahra u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Tiny Mint, John Portelli u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ Oriental Garden, Jesmond Agius u ezercenti l-**

**kummerc taht l-isem ta' Palm Valley, Joseph Abela u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' La Playa, Josephine Bugeja u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Don Giovann, Manuel Borg u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Divemed, Alex Cutajar u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Summer Nights Complex, Carmelo Bianco u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Ta' Grabiel, Francis Agius u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Espadon Self Service, Charles Preca u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Tal-Familja, Jesmond Mangion u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Tal-Fanal, Matthew Pace u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Summer Nights Pizzeria, Alan Picco u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Tudor Inn, Romina Gauci u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Pizzo Pizzeria, Catherine Bonnici u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Jakarta, Desmond Cassar u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Hallmark Jewellery, Emy Cassar u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Fama Gusta, Joseph Borda u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Artemis Jewellery, Joseph Bonnici u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Tiffany's Kiosk, Pascuale Italiana u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Trattoria l'Taliana, Ivan Carabott u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Etvan Hotel, Josette Mallia u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Sottovoce, Joseph Chetcuti u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' J' Cats Video Rental, Simon Pulis u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Café Ximo, Angela Bugeja nee' Axiaq u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' See Breeze Pet Shop, Malcolm Falzon u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Sensi Smile Boat Hire, Malcolm Falzon u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Sensi Smile Kiosk, Eliana Aquilina u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' St. Anne Pharmacy, Philip Mifsud u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Chick King.**

**v.**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd; L-Onorevoli Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent;**

**Malta Centre for Fisheries.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-atturi fil-15 ta' Mejju 2006, li jaqra hekk:

"1. Premess illi l-atturi kollha ad eccezzjoni tal-Ghaqda Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u GRTU: Malta Chamber of Small and Medium Enterprises, huma nies li ghandhom in-negozju taghhom imhejji ghat-turizmu fil-limiti ta' Marsaskala muniti kollha bil-permessi mehtiega u li fit-trawwim tan-negozju taghhom ghat-turizmu f'zona li giet identifikata b'possibbiltajiet turistici qawwija nefqu hafna flus ghal dan il-ghan;

"2. Premess illi l-Ghaqda Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u GRTU: Malta Chamber of Small and Medium Enterprises, huma ghaqdiet li jirrapprezentaw l-interessi tal-fuq imsemmija negozju hawn atturi fiz-zona ta' Marsaskala;

"3. Premess illi l-konvenut Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd b'applikazzjoni numru PA00087/04 applika sabiex jikkreja zona ghall-operazzjoni ta' rziezet tal-bahar ghat-trobbija tat-tonn fil-lokalita` ta' Marsaxlokk;

"4. Peress illi fit-22 ta' Dicembru, 2005 l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar f'laqgha pubblika hadet decizjoni biex jinhareg permess lill-konvenut Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fir-rigward tal-applikazzjoni tieghu fuq imsemmija biex tigi krejata zona ghall-operazzjoni ta' rziezet tal-bahar ghat-trobbija tat-tonn fl-ibhra fil-limiti ta' Marsaskala;

"5. Premess illi wara tali decizjoni l-Awtorita` hija mifhuma li harget permess fuq din id-decizjoni favur l-imsemmi konvenut Direttur Generali u l-atturi ma gewx bl-ebda mod infurmati la bil-hrug tal-permess u lanqas bil-kundizzjonijiet taht liema l-istess permess inhareg;

"6. Premess illi z-zona prospettata mill-awtoritajiet hija tal-kapacita` li fiha jista' jitkabbar daqs kemm jizen disa' t'elef tunnellata tonn, liema cifra hija daqs nofs kemm jitkabbar tonn fil-mediterran kollu;

"7. Premess illi dan l-izvilupp huwa wiehed eccessiv ghal-lokalita` in kwistjoni u ser jikkawza danni kbar u ngenti lill-rikorrenti hawn atturi bhala sidien u rapprezentanti ta' hwienet u negozji fil-lokalita` ta' Malta f'Marsaskala li tigi vicin is-sit tal-bahar fejn ser isir 'il fuq imsemmi zvilupp;

"8. Premess illi d-decizjoni mehuda mill-awtorita` intimata hija nulla u bla effett billi l-procedura adottata mill-awtorita` ghall-hrug ta' dan il-permess kienet wahda irregolari u mhux skond il-ligi billi ma tatx opportunita` shiha u kif trid l-istess ligi biex kull min qieghed joggezzjona jkun jaf fid-dettall dak li jkun propost li qieghed isir u jkun jista' jaghmel argumenti effettivi;

"9. Premess illi in oltre l-permess inhareg wara li l-Awtorita` konvenuta ghazlet li ma tadottax il-procedura ta' Strategic Environmental Assessment (SEA) imfassla mill-Unjoni Ewropeja, u kwindi applikabbli ghal pajjizna. Din il-procedura kienet giet adottata formalment mill-Unjoni Ewropeja f'Gunju 2001 permezz tad-Direttiva 2001/42/*EC* u l-pajjizi membri nghataw zmien sa Lulju 2004 biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva billi jimplimentaw mizuri idoneji. Din id-direttiva ghadha ma gietx implementata minn pajjizna u dan b'dannu evidenti ghall-esponenti. Skond in-normattiva Ewropeja direttiva taghti drittijiet lic-cittadini enforzabbli kontra Stat Membru anke jekk l-istat korcernat ma jkunx adotta dik id-direttiva. (*Case* 148/78 Pubblico Ministero v. Tullio Ratti (1979) ECR 1629, (1980) 1 CMLR 96). L-oggettiv ta' din id-direttiva hi dik li tippromwovi zvilupp sostenibbli. Il-procedura rikjesta mid-Direttiva koncernata tirrikjedi fost ohrajn analazi approfondita tal-bzonnijiet tal-industriji affetwati. Ghalhekk meta ghazlet li ma tadottax din il-procedura, l-Awtorita` ghazlet li ma tezaminax is-sostenibbilita` tal-progett mil-lat ekonomiku. L-Awtorita` tiggustifika l-pozizzjoni taghha billi tirreferi ghal '*projects*

*not plans'* imma din id-distinzjoni ma ssib ebda *comfort* fir-realta`. Fl-assenza tal-politika Nazzjonali dwar l-akwakultura, l-intimati jridu jassoggettaw lill-operaturi ezistenti ghall-permess mitlub u b'hekk inehhu l-bzonn li jadottaw politika nazzjonali. L-Awtorita` stess poggiet lilha nnifisha f'pozizzjoni fejn ma tistax tiggarantixxi d-drittijiet tal-esponenti u dan billi hi stess ghazlet li ma ssegwix id-direttiva in kwistjoni;

"10. Peress illi d-decizjoni kif ittiehdet tinvolvi delegazzjoni mhix permessa tal-awtorita` li tinsab f'idejn l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar lid-Direttur tas-Sajd, b'mod li hwejjeg li suppost ikunu regolati fil-permess issa gew thallew kompletament fil-liberu arbitriju tad-direttur u b'dan il-mod ir-rikorrenti sejrin isofru pregudizzju serjissimu;

"11. Peress illi din id-decizjoni tohloq pregudizzju rrimedjabbli lill-atturi kollha, u hija zvilupp eccessiv u impermessibbli u uzu abbuziv mill-Awtoritajiet ta' dak li hu dritt taghhom li jaghmlu;

"Ighidu ghalhekk il-konvenuti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

"1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar mehuda fit-22 ta' Dicembru 2005 wara l-applikazzjoni tal-konvenut Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, numru PA00087/04, sabiex tigi kkrejata zona ghall-operazzjoni ta' rziezet tal-bahar ghat-trobbija tat-tonn fil-lokalita` ta' Marsaskala u kwalsiasi hrug tal-permess konsegwenzjali kienu irriti u nulli billi ultra vires il-poteri tal-istess awtorita` konvenuta u tal-konvenuti l-ohra u dan kif hawn fuq imfisser u dan a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

"2. Tiddikjara illi 'l fuq imsemmi zvilupp progettat huwa eccessiv meta wiehed jiehu c-cirkostanzi kollha tal-kaz u uzu abbuziv minn dak li huwa dritt da parti tal-konvenuti;

“3. Tikkundanna lil konvenuti sabiex immedjatament u minghajr dewmien jannullaw u jirrexindu kull decizjoni minnhom mehuda fir-rigward;

“4. Tikkundanna l-konvenuti jieqfu ghaddejjin bl-izvilupp minnhom progettat fuq imsemmi;

“5. Tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghad-danni li ser isofru l-atturi b’rizultat tal-izvilupp premess, salv likwidazzjoni permezz ta’ kawza ulterjuri;

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-Awtorita` Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (fol. 15) li in forza taghha ecceppew illi:

“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:

“1. Preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu diretti kontra l-Awtorita` esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex gurisdizzjoni sabiex tibda tisma’ din il-kawza fil-mertu u dan a tenur tas-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

“2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu jippruvaw l-interess guridiku taghhom f’dawn il-proceduri;

“3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti Ghaqda Assocjazzjoni tal-Hwienet ta’ Wied il-Ghajn ghandha tipprova l-*istatus* legali taghha;

“4. Illi subordinatament u fil-mertu, l-Awtorita` esponenti qdiet id-doveri kollha taghha skond kif tiddetta l-ligi waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni lmentata mir-rikorrenti fir-rikors guramentat, anke fejn jikkoncernaw in-notifiki mehtiega lill-partijiet koncernati.

“Illi Ghaldaqstant, in vista` tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd u l-Onorevoli Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent (fol. 18) li in forza taghha eccepew illi:

“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghas-segwenti:
“1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali qatt ma gie notifikat b’dan l-att gudizzjarju skond kif jipprovdi l-Artikolu 181B(3) tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u preliminarjament ukoll, l-Onor. Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ma huwiex il-legittimu kontradittur u dan abbazi tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fl-ebda stadju ma’ l-intimati Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd jew l-Onorevoli Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent agixxew *ultra vires*.

“4. Illi wkoll bla pregudizzju ghas-suespost, u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-atturi kienu ben infurmati bil-permessi mahruga mill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

“5. Illi l-permess mahrug mill-istess Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar huwa skond il-ligi.

“6. Illi l-esponenti ma jirrispondux ghad-danni kif mitluba mill-atturi fil-hames talba tar-rikors promotur.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru 2007, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, iddikjarat ruhha

inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-atturi, illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fuq in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti bazata fuq l-Artikolu 469(A)(4) tal-Kap. 12.

“L-awtorita` intimata qed teccepixxi li preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu diretti kontra taghha, huma nfondati stante li din il-Qorti m’ghandiex gurisdizzjoni sabiex tibda tisma’ din il-kawza fil-mertu u dan a tenur tas-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

“Dan l-artikolu jipprovdi li hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta’ xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet hemm imsemmija; izda skond is-sub-artikiolu (4) id-disposizzjonijiet ta’ dak l-artikolu ma japplikawx meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f’xi ligi ohra.

“**Kontestazzjoni**

“L-intimati jissottomettu li kien inhareg permess PA87/04 li minnu r-rikorrenti appellaw quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar (PAB 5/06 TSC) u dan l-appell gie michud. Imbaghad ir-rikorrenti appellaw quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) liema appell ghadu pendenti. Ghalhekk l-intimati jissottomettu li din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni ghax ir-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom u ghalhekk ma jistghux jifthu proceduri godda qabel dawn ir-rimedji ma jigu ezawriti.  L-intimati ghamlu riferenza ghall gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati f’dan ir-rigward.

“Ir-rikorrenti jissottometti li l-pern tal-eccezzjoni hija jekk l-ilment tar-rikorrenti hux protett mid-dritt ta’ Appell taht il-Kap. 356. Huma jissottomettu li l-fatt li sar appell taht il-Kap. 356 m’ghandux ikun fatali ghall-azzjoni odjerna taghhom.

“Ir-rikorrenti jghidu li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni ghax l-Awtorita` intimata ma adottatx il-procedura tas-SEA u ghalhekk huma ma setghux joggezzjonaw li din il-procedura ma ntuzatx kif rikjest mil-Ligi qabel effettivament din ma tkunx giet adoperata. Inoltre huma appellaw principalment fuq in-nullita` tal-Avviz ghal permess u l-pubblikazzjoni tieghu. Huma ma setghux joggezzjonaw fit-terminu stabbilit fil-Kap. 356 billi ma setghux jissuponu li l-Awtorita` ma kienitx se tapplika l-ligijiet imposti fuqha. It-terminu ta’ 15 ’il gurnata minn mindu jigi pubblikat l-avviz sabiex jinghata dritt ta’ appell ma jipprovvdiex rimedju reali ghal kaz in ezami. Finalment l-agir tal-intimati fir-rigward tal-bidla tal-kundizzjonijiet tal-permess ma hux sindakkabbili bid-dritt ta’ appell moghti taht il-Kap. 356.

“**Konsiderazzjonijiet**

“F’dawn il-proceduri r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara d-decizjoni tal-Awtorita` intimata tat-22 ta’ Dicembru 2005 u l-konsegwenzjali hrug tal-permess huwa irritu u null peress li ma gietx segwita l-procedura korretta, u ghaldaqstant *ultra vires* il-poteri tal- Awtorita` tal-Ippjanar u tikkostitwixxi abbuz ta’ poteri tal-istess Awtorita`.

“Illi quddiem il-Qorti tal-Appell ir-rikorrenti talbu li dik il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-8 ta’ Novembru 2006 li kienet cahdet l-appell taghhom fejn kienu qed jikkontestaw id-decizjoni tal-Awtorita` dwar l-Ambjent li harget permess lill-konvenut Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd biex tigi kreata zona ghal operazzjoni ta’ rziezet tal-bahar ghat-trobbija tat-tonn fl-ibhra fil-limiti ta’ Marsaskala.

“L-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` intimata hi bazata fuq in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 469(A)(4) tal-Kap. 12.

“L-interpretazzjoni li nghatat lil dan is-sub-artikolu hi li:

““Is-subartikolu (4) tal-Artikolu 469A, biex jigi interpretat gustament, m’ghandhux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragjonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli”.

“(Ara **Bunker Fuel Oil Company Limited et v. Paul Gauci u Planning Authority** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Mejju 1998; Prim Awla tal-Qorti Civili **Dr. Philip Galea et v. Tigne` Development Co. Ltd. et** (Cit. Nru. 1682/99GV) u Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Jannar 2004 fl-ismijiet **Joseph Muscat et v. Chairman tal-Awtorita` tad-Djar et** (Citazz. 1447/96PS). )

“Fil-kaz in ezami kien inhareg permess PA87/04 li r-rikorrenti kkontestaw quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar (PAB 5/06 TSC) u dan l-appell gie michud billi gie dikjarat null. Ir-rikorrenti ghalhekk appellaw quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) liema appell ghadu pendenti. Skond il-Ligi id-decizjoni tal-Awtorita` hija suggetta ghal diversi stadji ta’ appell a tenur tal-Ligi tal-Ippjanar kif fil-fatt gara f’dan il-kaz.

“Il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli hi wahda ampja dan “ghaliex il-Bord ma nghatax biss is-setgha li jirrevoka jew jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar, izda nghata wkoll il-gurisdizzjoni li jbiddel l-istess decizjoni, kif ukoll li jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq” (**Gino Trapani Galea *nomine* –v.- L-Awtorita` tal-Ippjanar *et*** Appell, 29 ta’ Ottubru 1999).

“Inotre li l-appelli statutorji quddiem il-Bord minn decizjonijiet tal-Awtorita` jservu ta’ “*judicial review*” ta’

decizjonijiet amministrattivi, “intiz biex jipprovdi rimedju lic-cittadin minn decizjonijiet amministrattivi li jolqtuhom avversament” (**Il-Perit Austin Attard Montaldo *nomine* –v.- Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar in rapprezentanza tal-istess**, Appell, 19 ta’ Awwissu 1996).

“Ghalhekk huwa evidenti minn ezami ta’ dawn id-decizjonijiet illi fejn il-ligi specjali tipprovdi rimedju xieraq u effikaci ta’ “*judicial review*”, allura l-istharrig tal-ghemil amministrattiv mill-Qorti ma jistax isehh.

“Fil-kaz in ezami l-Appell quddiem il-Bord tal-Appell gie michud (ara sentenza esebita a fol. 34) u sar appell minnha lill-Qorti tal-Appell (ara fol. 29).

“Ir-rimedju li qed jitlobu r-rikorrenti ghad jista’ jigi mistharreg u jinghata mill-Qorti tal-Appell jekk din issib li l-aggravvji taghhom huma gustifikati. Ir-rikorrenti qed jappellaw mid-decizjoni tal-Bord li ddikjarat li l-appell taghhom huwa null ghax ma kienux pprezentaw l-oggezzjonijiet taghhom entro t-terminu stipulat skond l-Artikolu 32 tal-Kap. 356. Jekk il-Qorti tal-Appell issib li l-aggravji tar-rikorrenti huma gustifikati, il-mertu jkun jista’ jigi misharreg u r-rikorrenti jinghataw ir-rimedju li huma qed ifittxu senjatament li l-permess li nhareg jigi dikjarat irritu u null, kif anke *del resto* qed jitolbu f’dawn il-proceduri.

“Diversi mill-oggezzjonijiet tar-rikorrenti ghal permess li nhareg, iffurmaw il-mertu tal-kontestazzjoni tar-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell; ohrajn gew kunsidrati mill-Bord fis-sentenza preliminari tieghu li giet appellata; oggezzjonijiet ohra, li r-rikorrenti jghidu li ma setghux iqajmu qabel, mhumiex ta’ ostakolu milli huma jottjenu r-rimedju li qed ifittxu u li ghadu miftuh ghalihom.

“Kif gie rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet “John Cauchi –v.- Chairman Awtorita` tal-Ippjanar”, Appell, 5 ta’ Ottubru 2001, galadarba l-ligi specjali kkrejat makkinarju u proceduri *ad hoc* biex wiehed ikun jista’ appozitament jikkontesta xi decizjoni u/jew xi ghemil amministrattiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar li bihom ihossu aggravat, allura l-

Qorti ordinarja hi svestita, ex-Artikolu 469A(4), milli tistharreg gudizzjarjament id-decizjoni amministrattiva, billi dak l-istharrig hu rizervat *ex-lege* lill-Bord specjali.

“Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti mhiex ser tghaddi biex tidhol fil-meritu tal-ilment tar-rikorrenti in vista tal-konkluzjoni raggunta minnha f‘dan il-kaz dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni. Billi f’dan l-istadju jidher li jezisti rimedju u allura japplika d-dispost tal-Artikolu 469A(4) ghalhekk tilqa’ l-eccezzjoni tal-intimati.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

“......joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta’ Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b’hekk tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti.”

Rat ir-risposta tal-appell tal-Onor. Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent u tad-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

“......illi filwaqt li joghgobha tikkonferma fl-enterita taghha s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta’ Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet fuq citati, u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi.”

Rat ir-risposta tal-appell tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li in forza taghha, ghar-ragunijiet premess, talbet li din il-Qorti:

“.....sabiex tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet **L-Ghaqda Assocjazzjoni tal-Hwienet ta’ Wied il-Ghajn v. L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** (Citazzjoni Numru 436/06 GV) deciza fit-3 ta’ Ottubru 2007, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2009 u 1 ta' Dicembru 2009;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2009, quddiem din il-Qorti fejn id-difensur tal-atturi rregistra li filwaqt li l-meritu ta' din il-kawza kien jinsab esawrit, talab decizjoni dwar il-*capo spese*;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:
Illi f'din il-kawza l-atturi ittentaw iwaqqghu decizjoni tal-Awtorita` konvenuta (il-MEPA) li tikkreja zona ghall-operazzjoni ta' rziezet tal-bahar ghat-trobbija tat-tonn fil-lokalita` ta' Marsaskala. Bhala l-ewwel eccezzjoni, giet sollevata in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati fit-termini tal-Artikolu 469A(4) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u dan peress li dan is-sub-artikolu jipprovdi li dawn il-qrati m'ghandhomx gursidizzjoni jisthargu l-validita` tal-ghemil ta' xi Awtorita` pubblika, bhal ma hi l-MEPA, "meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju...jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra." L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni wara li qieset li fil-kuntest tal-MEPA, il-ligi relattiva, l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta), jipprovdi hu rimedju alternattiv kontra kwalunkwe decizjoni mehuda mill-istess Awtorita`.

L-atturi appellaw minn din is-sentenza bl-aggravju jkun li, peress li l-appell taghhom quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, kien qed jigi kkontestat bhala null, kellhom bilfors iressqu dawn il-proceduri sabiex jikkawtelaw l-interessi taghhom. Fil-fatt, gara li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien iddikjara l-appell tal-atturi null, izda din id-decizjoni kienet giet revokata minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, wara li kien meqjus li n-nuqqas tal-atturi li joggezzjonaw ghat-talba tal-*fish farm* fil-lokal kienet gustifikata peress li l-avviz, bi zball, indika l-lok bhala Marsaxlokk flok Marsaskala. L-atturi osservaw li b'din id-decizjoni ta' din il-Qorti hadu sodisfazzjon peress li l-permess gie revokat, u kwindi l-meritu tal-kawza gie ezawrit. Huma, pero`, baqghu jinsistu li ghandu jkun

hemm temperament fil-kap tal-ispejjez ghax din il-kawza kienet zgur gustifikata meta giet istitwita.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Jekk wiehed jipprexxindi mill-ezitu tal-proceduri determinati minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), jibqa' l-fatt li kontra kull decizjoni li tiehu l-MEPA, il-ligi tipprovdi rimedju *ad hoc*. Jekk dak li jkun jonqos milli juzufruwixxi ruhu minn dawn ir-rimedji bil-metodu u fit-termini li timponi l-istess ligi, ma jistax wara jipprova jakkwista l-istess rimedju billi jinvoka l-gurisdizzjoni generali ta' dawn il-qrati. Fil-kaz **Fish & Fish Ltd. et v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Gunju 2009 gie osservat dan, anke b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, u cioe`:

*"Issa, fil-kaz odjern huwa fatt notorju li hemm ligi specjali li tirregola l-hrug tal-permessi tal-izvilupp, ezattament l-Att Nru 1 tal-1992, li inter alia kkrejat makkinarju u proceduri ad hoc biex wiehed ikun jista' jikkontesta xi decizjoni jew xi ghemil amministrattiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar li bihom wiehed ikun qed ihossu li gie aggravat. Issir riferenza hawn, partikolarment ghat-tribunal independenti, cioe` l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, imwaqqaf bis-sahha tal-Artikolu 14 tal-imsemmi Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp. Dan il-Bord inghata, inter alia, il-gurisdizzjoni specifika li jisma' u jiddeciedi appelli maghmulha minn min ikun ihossu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' zvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. L-Artikolu 15 jipprovdi wkoll li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali, hlief dwar punti ta' dritt decizi mill-istess Bord li minnhom inghata dritt ta' appell lil din il-Qorti tal-Appell."*

*"L-ilmenti li qed iressqu l-appellanti f'dawn il-proceduri kienu lmenti li tqeghdu jew setghu tqeghdu ghall-konsiderazzjonijiet tal-Bord tal-Awtorita` u, wara, tal-Bord tal-Appell. Il-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jsegwu l-procedura stabbilita biex ikunu jistghu jsemmu lehinhom fil-process, ma jaghtihomx dritt li jinvokaw il-gurisdizzjoni generali ta' dawn il-qrati (ara wkoll **Kunsill Lokali Birzebbuga v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-***

***Ippjanar**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2004, u l-gurisprudenza hemm indikata).”*

Meta dak li jkun jagixxi malament ghar-rimedji *ad hoc* li tipprovdi ligi partikolari, u tigi eccepita l-irritwalita` tal-proceduri adoperati, me hemmx kontradizzjoni da parti tal-Awtorita` konvenuta jekk tigi eccepita l-istess irritwalita` ghall-proceduri alternattivi mressqa quddiem dawn il-qrati. Tal-ewwel ikunu nulli minhabba nuqqas tal-appellant, waqt li t-tieni jkunu irritwali minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni. Jekk l-appellant jibqa' minghajr rimedju *imputet sibi* ghax bhala ligi <u>hemm rimedju</u> u sta ghal min hu interessat li juzufruwwixxi mill-istess bil-mod <u>korrett</u> u <u>kif titlob il-ligi</u>.

F'dan il-kaz, ir-rimedju kellu jintalab biss fil-kuntest tal-provvediment tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, u mhux quddiem dawn il-qrati, u kwindi din il-kawza, kif saret, kienet monka u kienet tattira s-sanzjoni ta' nullita` kif specifikat l-ewwel Qorti. Dawn il-proceduri kienu inutili, ghax trattandosi ta' permess mahrug mill-MEPA, ir-rimedju kellu jintalab taht ir-regim tal-ligi li tirregola l-hrug ta' dawk il-permessi; kellhomx ragun jew le l-atturi, l-ilment taghhom kellu jigi deciz biss (kif fil-fatt gara) fil-kuntest tal-proceduri li tipprovdi dik il-ligi, u, kwindi l-atturi ma jistghux jinvokaw xi gustifikazzjoni ghal ftuh ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi, wara li tiddikjara l-meritu esawrit kif verbalizzat fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2009, quddiem din il-Qorti, tichad l-istess in kwantu hemm talba ghall-temperament fil-*capo spese* kif deciza mill-ewwel Qorti. Dan l-appell ma jistax ma jitqiesx ukoll bhala wiehed fieragh.

L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jithallsu mill-atturi appellanti *in solidum* u peress li, kif inghad, l-appell huwa wiehed fieragh, din il-Qorti, wara li rat l-Art. 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------